BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

STQARRIJA KONĠUNTA GĦALL-MEDIA

**Data tal-Pubblikazzjoni:** **25 ta' Jannar 2013**

**Suġġett: Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jistabbilixxu Bord Konġunt dwar l-Istabbiltà Finanzjarja**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ffirmaw memorandum ta' ftehim għat-twaqqif ta' Bord Konġunt dwar l-Istabbiltà Finanzjarja (JFSB).

L-għan ta' dan il-Bord huwa li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn il-Bank u l-Awtorità biex tiġi fformulata politika makro-prudenzjali u li jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja f'Malta. Din il-politika għandha l-għan li ssaħħaħ it-titjib tas-sistema finanzjarja u tnaqqas l-akkumulazzjoni ta' riskji sistemiċi, u b'hekk jiġi assigurat kontribut sostenibbli tas-settur finanzjarju għat-tkabbir ekonomiku.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-Bord għandu jkollu mandat wiesa' li jinkludi:

(i) l-identifikar, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja;
(ii) l-għażla tal-istrumenti makro-prudenzjali li jtaffu dawn ir-riskji u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika;
(iii) l-evalwazzjoni dwar jekk l-istrumenti makro-prudenzjali relevanti jistax ikollhom implikazzjonijiet transkonfinali;
(iv) it-tfassil ta' stqarrijiet għall-istampa dwar deċizjonijiet ta' politika makro-prudenzjali.

Il-Bord ser janalizza kull kwistjoni ta' natura makro jew mikro-prudenzjali li tista' tħalli impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja lokali. Rakkomandazzjonijiet ta' natura makro-prudenzjali ser jiġu kkunsidrati mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali ta' Malta biex jaddottahom, filwaqt li rakkomandazzjonijiet ta' natura mikro-prudenzjali ser jiġu kkunsidrati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MFSA biex jaddottahom.

Il-Bord ser jassigura wkoll li r-rakkomandazzjonijiet u l-pariri maħruġa mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB) jiġu osservati, u ser isegwi kwalunkwe kwistjoni oħra ta' natura makro-prudenzjali li l-awtoritajiet lokali jkunu jridu jikkomunikaw lill-ESRB jew lil awtoritajiet internazzjonali jew lokali oħra skont il-ħtieġa.

Il-Bord ser ikun magħmul minn ħames membri, tliet uffiċjali għolja mill-Bank Ċentrali ta' Malta u żewġ uffiċjali għolja mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Il-Bord ser ikun ippresedut mill-Bank Ċentrali ta' Malta u għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba kull tliet xhur.

It-twaqqif tal-JFSB huwa konformi mar-rakkomandazzjoni addottata mill-ESRB f'Diċembru 2011 dwar il-mandat makro-prudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali. Din ir-rakkomandazzjoni (ESRB/2011/3) tipprovdi prinċipji ta' gwida fuq fatturi importanti li għandhom jitniżżlu f'mandati makro-prudenzjali nazzjonali bħal pereżempju l-għan ta' politika makro-prudenzjali, l-arranġamenti istituzzjonali fi ħdan l-infrastruttura leġislattiva nazzjonali, ix-xogħlijiet, il-poteri u l-istrumenti tal-awtorità makro-prudenzjali, kif ukoll l-aspetti ta' trasparenza, kontabilità u indipendenza relatati mal-awtorità makro-prudenzjali. L-ESRB ippropona li din ir-rakkomandazzjoni tkun implimentata mill-iStati Membri tal-UE sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2013.

Għal aktar dettalji dwar il-memorandum ta' ftehim li jistabbilixxi l-Bord Konġunt dwar l-Istabbiltà Finanzjarja, irreferu għas-siti elettroniċi tal-Bank Ċentrali ta' Malta jew tal-MFSA.